# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **12 TA' NOVEMBRU 2017**

**Assemblea Parrokkjali**

L-Assemblea Parrokkjali li saret fil-Parroċċa tagħna matul il-ġimgħa li għaddiet kellha t-tema "**Il-Parroċċa hi familja ta' familji.**" *Amoris Leatitia 202.* Għal dawn il-laqgħat attendew numru sabiħ ta' persuni li taw il-kontribuzzjoni siewja tagħhom. Wara dawn il-laqgħat inkomplu d-diskussjonijiet tagħna fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali sabiex fil-konkret inkomplu bix-xogħol li jeħtieġ isir fil-Parroċċa tagħna imdawlin mill-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja. F'isem sħabi s-saċerdoti u l-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali nirringrazzjaw lil dawk li attendew u lil dawk li taw sehemhom biex tkun organizzata din l-Assemblea Parrokkjali.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 11 ta' Novembru 2017 fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Festa San Martin**

Il-Ħadd 12 ta' Novembru 2017 wara l-quddiesa tad-9:15am fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin se nkunu qed inqassmu te u kafe' fuq iz-zuntier u tkunu tistgħu tixtru xi affarijiet tal-ikel. Inħeġġu lit-tfal jattendu għall-quddiesa tad-9:15am li fiha se ntellgħu xi boroż ta' San Martin.

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017 wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Quddiesa għaż-żgħażagħ**

Il-Ħadd 19 ta' Novembru 2017 fit-8:00pm issir quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna.

**Għeluq is-Sena Liturġika**

Il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017 fil-festa ta' Kristu Re tintemm is-Sena Liturġika tal-Knisja Kattolika. Bħala Parroċċa, fit-tmiem tas-Sena Liturġika nħeġġiġkom sabiex fil-prattika nkunu ġenerużi billi nġibu xi ħaġa tal-ikel fil-qfief apposta fil-knisja quddiem l-ambone b'risq id-Dar Frate Jacoba li qed taqdi l-missjoni tagħha fil-parroċċa tagħna billi toffri mħabba u kenn għal ħutna żgħażagħ li jsibu ruħhom fit-tarf tas-soċjetà. L-oġġetti li ser niġbru nagħtuhom lil din il-komunità nhar il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017 fil-quddiesa tad-9:15am li ser titmexxa minn Fr Ray Scicluna OFM, saċerdot fi ħdan din il-komunità.

**Lectio Divina**

It-Tlieta 21 ta' Novembru 2017 fis-6:30pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fis-7:30pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Healing Service minn Dr. John Bonnici Mallia**

Il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017 fis-7:30pm fil-Knisja Parrokkjali jibda Healing Service immexxi minn Dr. John Bonnici Mallia.

**Ċensiment tal-Quddies tal-Ħadd**

Is-Sibt 2 ta' Diċembru 2017 u l-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017 ser issir ċensiment tal-Quddies tal-Ħadd fid-Djoċesi ta' Malta.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Sorreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija.

**Għadam tal-lewż ta' Novembru**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta' Novembru minn fuq iz-zuntier.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.